**Diskors mill-Prof Josef Bonniċi fl-okkażżjoni tat-tnehdija tal-iskema ta' self garantit lil SMEs (SME Invest) bejn il-Bank Malti ta' Żvilupp u il-Bank of Valletta.**

**13 May 2019**

Ministri, mistednin distinti, kollegi.

Nixtieq nibda billi l-ewwelnett nirringrazzja lil kull min b'xi mod jew ieħor ta' kontribut f'dan il-proġett.

Kif tafu, il-Bank Malti ta' Żvilupp twaqqaf mill-Gvern permezz ta' liġi li għaddiet f'Mejju tal-2017. L-għan ewlieni ta' din l-istituzzjoni ġdida huwa li tkun ta' sostenn għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku ta' Malta. Dan tagħmlu billi taħdem id f'id mal-banek kummerċjali u ma' entitajiet oħra strateġiċi sabiex jiġu indirizzati xi nuqqasijiet fis-suq finanzjarju (hekk imsejjħa *market gaps* jew *market failure*) u b'hekk iseħħ aktar investiment produttiv.

Il-Bank beda l-operat tiegħu f'Diċembru li għadda, u għalhekk bħalissa jinsab fl-istadju fejn qed jibni l-qafas u l-governanza tal-organizzazzjoni. Bdejna bi proċess ta' konsultazzjoni wiesa mal-imsieħba strateġiċi, fosthom il-banek kummerċjali u bosta entitajiet pubbliċi. Dana biex nidentifikaw opportunitajiet ta' finanzjament fejn hemm *market gaps*. Fi kliem ieħor nidentifikaw inizzjattivi vjabbli u produttivi li qed jaffaċċjaw ostakli ta' natura finanzjarja.

Il-faċilitajiet finanzjarji tal-MDB jindirizzaw żewġ kategoriji fejn in-nuqqasijiet fis-swieq tal-kreditu huma l-aktar komuni. Dawn huma intrapriżi ta' daqs żgħir u medju li nafuhom ukoll bħala SMEs u t-tieni kategorija li tinkludi proposti jew proġetti infrastrutturali.

Rigward l-SMEs, l-oġġettiv tal-MDB huwa li jippromovi il-finanzjament tal-SMEs permezz ta' skemi ta' garanzija fuq self mill-banek. B'hekk ikun qiegħed jindirizza l-isfidi prinċipali li dawn l-SMEs jaffaċċjaw meta japplikaw biex jisselfu. Pereżempju, hemm in-nuqqas ta' esperjenza fil-kreditu min naħa tal-applikant. Inkella l-applikant m'għandux x'jagħmel tajjeb fuq is-self. Jew ir-riskju tal-proposta huwa tali li ma jistax jinġarr mil-bank kummerċjali waħdu.

F'dan ir-rigward, l-MDB ikkonsulta mal-banek kummerċjali sabiex jiġu mnedija skemi ġodda ta' self garantit mill-MDB. Aktar kmieni din is-sena ġiet mnedija l-ewwel skema ta' dan it-tip, li tindirizza lin-negozji tal-familja li jeħtiegu self mil-banek biex jiffinanzjaw it-trasferiment tan-negozju bejn membri tal-familja. Dan biex nippromovu il-kontinwita tan-negozji f'Malta li fil-maġġoranza tagħhom huma negozji tal-familja. Din l-iskema għandha tikkomplimenta l-inċentivi fiskali introdotti fil-kuntest tal-'Family Business Act'.

Illum qed invaraw skema indirizzata lejn udjenza aktar wiesa li tkopri is-settur kollu tal-SMEs. B'din l-iskema, l-MDB ser ikun qiegħed jiggarantixxi 80% tas-self provdut mil-Bank of Valletta sa massimu ta' 25% tal-portafoll ta' self illi l-Bank of Valletta se jkun qed jalloka għal dan il-għan. Dan għandu jiffaċilita madwar €50 miljun f'self ġdid lill-SMEs fuq medda ta' tliet snin. Il-benefiċċju tal-garanzija tal-MDB se jkun qiegħed jgħaddi għand l-SME fil-forma ta' rati tal-imgħax iktar favorevoli kif ukoll f'ammont izgħar ta' assi kollaterali mitluba biex ikopri is-self.

Dan is-self għandu jkun strumentali sabiex jimla l-vojt li qed nantiċipaw ġa la darba l-iskemi li jinsabu fis-seħħ bħalissa (l-*'SME initiative'*) jaslu biex jintemmu. Wieħed ma jistax jissottovaluta id-domanda għas-self mill-SMEs ipproġettata għat-tlett snin li ġejjin partikolarment fil-kuntest tal-andament ekonomiku li għaddejin minnu bħalissa. B'hekk inkunu qegħdin ngħinu lin-negozji biex ikunu il-mutur tal-ekonomija.

F'dawn l-iskemi l-MDB qiegħed jissieħeb mal-banek kummerċjali biex isostni l-investiment fejn il-banek mhumiex f'pożizzjoni li jakkomodaw weħidhom talbiet għal-self.

Il-vantaġġ ta' bank promozzjonali hu li jservi ta' pont li jġib flimkien finanzjament privat u pubbliku u li jgħin biex iseħħu proġetti u inizzjattivi vijabbli. B'hekk ir-riżors finanzjarju jiġi utilizzat b'mod aktar effiċjenti, u jsarraf f'inizzjattivi produttivi.

Jiena konvint illi l-Bank Malti ta' Żvilupp huwa strumentali biex jagħmel dan possibbli billi jvara skemi bħal- *SME Invest* li jippromwovu immaniġġjar aħjar tar-riskju f'inizzjattivi li jkabbru l-ekonomija, jew fi proġetti li jiġġeneraw effett pożittiv fuq is-socjetà u l-ambjent.

Filfatt, l-oġġettiv tal-Bank huwa li jagħti prijorità lill- oqsma tal- SMEs, infrastruttura, innovazzjoni, is-settur diġitali, l-edukazzjoni, is-saħħa, l-akkomodazzjoni soċjali u affordabbli

u proġetti oħra soċjali. Dawn l-oqsma huma ta' importanza nazzjonali u għandhom effetti pożittivi fuq il-ġid komuni li mhux dejjem jistgħu jiġu rikonoxxuti fis-suq tas-self. In-natura tal-Bank Malti ta' Żvilupp tippermetti li dawn il-konsiderazzjonijiet jingħataw l-piż meħtieg meta tiġi biex tittieħed minn naħa ta' bank kummerċjali id-deċiżjoni jekk is-self isirx jew le.

Mill-ġdid nirringrazzja lill-Bank of Valletta tas-sostenn tagħhom u ninsab ottimist hafna li fix-xhur li ġejjin – flimkien ukoll ma imsieħba ohra li nispera se jkunu qed jaħdmu magħna – se jkollna okkazzjonijiet oħra bħal tal-lum biex b'hekk nkunu nistgħu noffru sostenn għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' Malta.

Grazzi ħafna.